MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2003

Numru. 481/2001

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)
(Spettur Joseph Agius)
vs
Charles Mangion u Charlot Aquilina

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati fuq imsemmija Charles Mangion, detentur tal-karta tal-identita Nru 25276(M) u Charlot Aquilina, detentur tal-karta tal-identita Nru 418380(M), li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fit-22 ta' Mejju 2001 wara nofsinhar ghall-habta tat-3.00p.m. gewwa Zejtun ikkommettew serq ta' somma ta' flus ta' aktar minn LM100, izda anqas minn LM1000 minn gewwa 'Shameria Mini Market' li huwa sitwat fi Triq Hector Dalli, Zejtun, ghad-dannu ta' Morris Sultana, liema serq huwa aggravat bil-mezz u valur;

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ikkagunaw hsara jew ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fl-imsemmi Mini Market, liema hsara ma tiskorriex is-somma ta' LM50;

Fl-ahhar nett talli huma jinsabu ricedivi b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija debitament assistiti volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dan waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2002 meta kienu qeghdin isirulhom il-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Fl-ewwel lok taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputati ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom il-Qorti issib liz-zewg imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha, hlief ghat-tieni imputazzjoni dik ta' ricettazzjoni peress illi una volta jirrizulta s-serq ma jistax jirrizulta ukoll ir-reat ta' ricettazzjoni u dana wara li l-Qorti

rat l-Artikoli 261(b), 261(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 325(1)(c), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll dik ta' Dr Michael Sciriha ghall-imputat Charles Mangion dwar il-piena. Rat ukoll illi minkejja illi gie moghti l-opportunita sabiex jaghmel l-istess trattazzjoni ghall-klijent tieghu l-imputat Charlot Aquilina, Dr Franco Debono naqas milli jaghmel dan u l-Qorti ma setghetx taghmel mod iehor hlief li thalli l-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-imputat Charles Mangion huwa minnu illi dan l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi odjerni. Huwa pero' bhala fatt innegabbli illi l-fedina penali ta' dan l-imputat hija twila hdax il-faccata u tikkonsisti f'xejn inqas minn erbghatax il-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija fil-konfront ta' dan l-imputat. Jirrizulta mill-istess fedina penali ta' dan l-imputat illi huwa inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba, liema opportunitajiet huwa ghazel illi lanqas jahtaf wahda minnhom ghaliex baqa ghaddej b'karriera shiha ta' kriminalita.

Illi fir-rigward tal-imputat Charlot Aquilina xehdet Carmen Nygard, Ufficjal tal-Probation fis-sens illi dan l-imputat qieghed jipprova isib impjieg fis. Hija xehdet ukoll illi dan l-imputat beda kors fil-'welding' u illi l-'urine tests' tieghu huma negattivi u li minn mindu hareg mill-habs huwa qieghed juri motivazzjoni sabiex jibdel hajtu. Illi pero' minn din ix-xhieda ta' Carmen Nygard il-Qorti mhi tara xejn konkret u tangibbli li jista b'xi mod iserrah mohh din il-Qorti li dan l-imputat huwa xi persuna riformata li ma tirrapprezenta l-ebda perikolu lis-socjeta'.

Il-Qorti hija dejjem disposta li taghti opportunita ohra lil persuna illi tkun ghadha relattivament 'first time offender' u li turi b'serjeta rieda u determinazzjoni sabiex tibdel hajjitha. Izda fil-konfront ta' dan l-imputat ghar-ragunijiet diga imsemmija l-Qorti tara li l-unika triq sfortunatament hija illi dan l-imputat jigi karcerat u ghaldaqstant il-Qorti

tikkundanna lill-imputat Charles Mangion misjub hati kif diga intqal ghall-prigunerija ta’ sentejn u dana wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 20 u 17 (b) tal-Kap. 9. Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 u tordna lil dan il-hati sabiex fi zmien xahar millum ihallas nofs l-ispejjez li kellhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti f’dan il-kaz.

Il-Qorti sejra tigi issa sabiex tapplika l-piena fil-konfront tal-imputat Charlot Aquilina. Illi dan l-imputat ghandu fedina penali ta’ erba’ faccati. Huwa gie misjub hati mill-Qrati taghna sitt darbiet, gie moghti diversi opportunijiet sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Madanakollu wera bic-car illi ma riedx jahtaf dawn l-opportunitajiet illi tawh il-Qrati taghna.

Illi inoltre minn mindu dan l-imputat irregistra it-twegiba tieghu illi kien hati tal-akkuzi odjerni u cioe’ fit-22 ta’ Jannar, 2002 sad-data tal-ahhar seduta mizmuma mill-Qorti u cioe’ it-18 ta’ Marzu, 2003 l-imputat ma ressaq l-ebda prova illi huwa kien b’xi mod irriforma hajtu, jew per ezempju illi beda u ittermina b’success xi programm ghar-riabbilitazzjoni mid-droga jew minn xi vizzju iehor illi seta’ kellu fiz-zmien illi ikkommetta ir-reati in kwistjoni u kull ma ghamel kien illi waqt is-seduta tal-5 ta’ Frar, 2002 ghadda is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira (LM25) lill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur David Saliba. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti tara illi dan l-imputat wera bic-car illi ma jridx jirriforma hajtu, kif gie moghti diversi opportunijiet illi jaghmel mill-Qrati taghna u ghaldaqstant il-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra hlief illi tikkundanna lil dan l-imputat misjub hati kif diga intqal ghall-prigunerija ta’ sentejn u dan wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikoli 20 u 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti rat ukoll fil-konfront ta’ dan l-imputat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 u tordna lil dan il-hati Charlot Aquilina sabiex fi zmien xahar millum ihallas nofs l-ispejjez li kellhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti f’dan il-kaz.

Illi fil-konfront ta’ dan il-hati Charlot Aquilina l-Qorti meta giet sabiex tapplika l-piena rat ukoll l-Artikoli kollha tal-Kap. 9 kif imsemmi fir-rigward tal-imputat Charles Mangion.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------